**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 424/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ruben Cordina**

Illum 14 ta' Marzu 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Ruben Cordina**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 468274(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Marzu 2017, għall-ħabta tad-21:20hrs fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW 939:

1. meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi

fuq il-persuna ta' Antmar Gatt skont kif iċċertifikat Dr. Daphne Gatt (M.D. Reg. No. 3689) mill-MDH;

2. ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt (71.5ug/100ml);

3. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW 939 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

4. meta kien involut f'inċident tat-traffiku bl-imsemmija vettura naqas milli jieqaf u aktar talli meta kien meħtieġ naqas li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-liġi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi inċident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali;

5. saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

6. saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

7. saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet mitluba li, barra l-piena stabbilita, tikkonfiska l-*corpus delicti* u ċioè l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW 939 *ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15A, 15B, 15H(1)(a) u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 67(1) u (5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu

jħallas multa ta' elf u tmien mitt Ewro (€1800). Il-Qorti ordnat ukoll li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur li kellhom jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta' dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom [****recte****: tiegħu] u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minn kull ħtija u piena; jew alternattivament* ***TIRRIFORMA*** *billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet l-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tvarja s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-15 ta' Jannar 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tal-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali u tal-konsulent legali tal-*parte civile*.

Rat illi minkejja li l-konsulent legali tal-appellant ingħata żmien sabiex jippreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet u dana b'żieda ma' dak li jirriżulta fir-Rikors tal-appell, baqgħet ma ġiet ippreżentata l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Ottubru 2022.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament teroga piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti tal-każ jduru madwar inċident tat-traffiku li seħħ fit-12 ta' Marzu 2017 fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar. Jidher li fid-data msemmija għal ħabta ta' 9.30pm il-Pulizija rċevew rapport li ġie mtajjra persuna ossia l-*parte civile* Antmar Gatt. Meta mistoqsi mill-Pulizija l-*parte civile* spjega li waqt li kien qiegħed isuq ir-rota mal-ġenb tat-triq sema vettura ġejja. Huwa jgħid li pprova joqgħod kemm jista' ikun mal-ġenb tat-triq. Jispjega li din il-vettura tajjritu u baqgħet sejra. Ikompli li minħabba d-dinamika tad-daqqa huwa ma rax il-vettura in kwistjoni b'mod tajjeb.

Illi jidher li l-ewwel persuna li tat is-sokkors tagħha kien ċertu Mario Barbara u kien biss sussegwentement li l-appellant wasal fuq is-sit tal-akkadut. Skont il-Pulizija l-vettura tal-appellant kellha ħsara fil-*windscreen* u fil-fanal ta' quddiem u kien jidher ċar li din setgħet kienet involuta fl-akkadut. Meta kienu qed ikellmu lill-appellant, il-Pulizija xammew riħa ta' alkoħol.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti,

> iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta dwar l-inammissibbilta' tal-istqarrija mogħtija minnu. Jispjega li huwa tkellem mal-Pulizija wara li ffirma d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd għal parir legali però jgħid li ma ngħatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat. Jisħaq li dan kellu konsiderazzjoni qawwi fil-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti meta sabet il-ħtija tiegħu. Jgħid li s-sentenza appellata hija mibnija fuq dak li huwa qal lill-Pulizija. Jgħid li huwa tal-fehma li din l-istqarrija ngħatat mingħajr ma ngħata l-jedd li jkun assistit minn avukat u li għalhekk il-jeddijiet fundamentali tiegħu ġew leżi. Jargumenta li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem issostni li Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea ma jkunx ġie osservat kull meta persuna interrogata ma tkunx ingħatat assistenza legali kemm qabel u waqt l-interrogatorju. Għalhekk ikompli li kemm l-istqarrija tiegħu kellha tiġi skartata kif ukoll kull dokument in sostenn ma' din l-istqarrija.

Illi minbarra dak li ġie mistħarreġ fuq is-sit tal-akkadut, mill-atti proċesswali jirriżultaw żewġ fażijiet oħra tal-investigazzjoni. L-ewwel fażi tirrigwarda t-test tan-nifs u t-tieni parti tirrigwarda dak li ġie rapportat kemm fl-affidavit ta' WPS 41 E. Csssar (*a fol.* 3 *et seq.*) kif ukoll dak rapportat fl-okkorrenza (*a fol.* 8 *et seq.*).

Illi rigward it-tieni fażi, u ċioè il-mistoqsijiet li saru lill-appellant, jirriżulta li qabel ma sarulu dawn il-mistoqsijiet huwa ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu iżda huwa rrifjuta dan il-jedd. Mhux talli rrifjuta dan il-jedd iżda talli ffirma d-dikjarazzjoni li kien qed jirrifjuta tali jedd hekk kif jidher mill-istess dikjarazzjoni (*a fol.* 17) li tirriżulta fl-atti proċesswali.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li hemm spjegat fil-verżjoni tat-28 ta' Frar 2023 tal-**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (Criminal Limb)** fejn ġie mfisser is-segwenti:

> "479. However, when a waiver of the right of access to a lawyer satisfies the "knowing and intelligent waiver" standard in the Court's case-law, there will be no grounds for doubting the overall fairness of the criminal proceedings against the applicant (*Šarkienė v. Lithuania* (dec.), 2017, § 38; *Sklyar v. Russia*, 2017, § 26)."

Illi minn analiżi tal-fatti jirriżulta li l-appellant kien ġie nfurmat bid-dritt tiegħu għal avukat u li hu rrinunzja għal dan il-jedd volontarjament. Għal kull buon fini, din il-Qorti tinnota li dan il-punt lanqas biss tqajjem quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi rigward dik il-parti tal-investigazzjoni fejn ittieħed it-test tan-nifs, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet **Ana SRŠEN v. Croatia** (Numru 30305/13) fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

> "42. The Court observes that in the present case the applicant was not formally arrested or interrogated in police custody (see *Aleksandr Zaichenko v. Russia*, no. 39660/02, § 47, 18 February 2010). There is no indication that the applicant was not free to leave and the circumstances of the case do not disclose any significant curtailment of the applicant's freedom of action, which could be sufficient for activating a

requirement for legal assistance already at this stage of the proceedings.

43. Moreover, the applicant was not subject to questioning related to the accident. She was found at the site of a road accident and taken to hospital where a blood test was taken. When the blood test was performed, she was only asked a restricted routine information as to the identity of the driver (see *Yankov and Manchev v. Bulgaria*, nos. 27207/04 and 15614/05, § 23, 22 October 2009). The blood test form to be filled in contains the rubric identifying participants of the accident as drivers, passengers, passersby. The answer was provided in public, without any compulsion, out of her free will.

44. The Court also observes that in compliance with the domestic legislation the blood test was performed because the applicant was involved in a car accident (see paragraph 25 above). The Court has already acknowledged that submitting a person in such circumstances to a blood test is not contrary to the principle of presumption of innocence (see, for example, *Tirado Ortiz and Lozano Martin v. Spain* (dec.), no. 43486,98, 16 June 1999). The Court has also accepted that an obligation to inform the authorities of the identity of the driver on the occasion of suspected commission of road traffic offences, even under the threat of sanction, is not contrary to Article 6 (1) of the Convention because possession and use of cars are recognized to have potential to cause grave injury (see *O'Halloran*, cited above, § 57). Furthermore, various guarantees are provided against arbitrary or improper use of tests. Moreover, tests of alcohol level are commonly used in Council of Europe member States in connection with traffic legislation without requiring the presence of a lawyer. The Court concludes on the basis of the materials in the case file that the blood test and the

applicant's statement that she had driven the vehicle at issue were carried out in a direct sequence of events.

45. The foregoing considerations suffice for the Court to conclude that the absence of legal representation while blood test was performed did not affect the applicant's right to legal assistance under Article 6 § 3 (c) of the Convention." [emfażi miżjuda]

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ċitata jfisser li l-fatt li ttieħed it-test tan-nifs lill-appellant mingħajr ma ngħata dritt għal avukat ma affetwax id-dritt tiegħu għal assistenza legali. Iżda dwar jekk l-appellant kienx qed jitqies bħala suspettat din il-Qorti tinnota li l-Pulizija tgħid li nxtammet fuqu riħa tal-alkoħol. F'dan il-każ iżda din il-Qorti hija tal-fehma li l-Pulizija setgħet tkun taf b'ċertezza jekk l-appellant kellux livell għoli ta' alkoħol fid-demm biss wara li sarlu t-test. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti d-dettami ta' Artikolu 355AUA(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kienu għadhom ma ġewx sodisfatti. Stabbilit dan jibqa' l-kwistjoni tal-*caution* marbuta ma' dan it-test iżda dan il-punt ser jiġi mistħarreġ taħt l-aggravju li jmiss.

Illi punt ieħor li kien ta' importanza f'dan ir-rigward kien il-ħsara li kien hemm fuq il-vettura tal-appellant fejn WPS 41 tgħid li l-vettura tal-appellant setgħet kienet involuta fl-inċident u għalhekk f'dan il-mument l-appellant kien suspettat li kien involut fl-inċident. In vista ta' dan, tali kunsiderazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala twettiq minn naħa tal-Pulizija ta' att ta' natura investigattiva. Tenut kont ta' dan, fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant kellu jingħata d-dritt għal assistenza legali proprju f'dak il-mument. Għalhekk din il-Qorti, stante li l-affidavit fih partijiet li huma ammissibbli, sejra tinjora dak li qal l-appellant qabel ma ngħata d-dritt għal assistenza legali.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa' limitatament l-ewwel aggravju tal-appellant fis-sens li ser tinjora l-

ewwel parti tal-affidavit ta' WPS 41 E. Cassar sa fejn dan jirreferi għal dak li qal l-appellant fuq is-sit tal-akkadut.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li ma ngħatax it-twissija dovuta qabel it-test tan-nifs u konsegwentement jgħid li dan it-test għandu jiġi skartat. Jispjega li din it-twissija mhijiex is-solita twissija li hija kontemplata fil-liġi għaliex din tippresupponi ħtija meta jkun hemm rifjut u għalhekk il-persuna suspettata kellha tingħata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma tagħti tweġiba minħabba li tista' tinkrimina ruħha. Ikompli li minħabba li ttieħed l-Għassa sabiex jagħti dan il-kampjun tan-nifs huwa diġa' kien ikkunsidrat bħala suspettat u għalhekk la ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat inkisru l-jeddijiet tiegħu.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal li ngħad fir-rigward tal-aggravju preċedenti sa fejn japplika għal dan l-aggravju. Ma' dan, din il-Qorti tinnota li mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 14):

> "It-test tan-nifs sar, fejn irriżulta li l-ammont ta' alkohol li Cordina kellu ġo fih dak il-ħin li sar it-test kien dak ta' 071.5 ug, Cordina għażel li jiffirma l-irċevuti msemmija li ħarġu mill-apparat.
>
> Wara dan, Ruben Cordina ġie mistoqsi fuq dan l-inċident li kien għadu kif seħħ, iżda qabel ma sar dan ingħata d-dritt tiegħu li jikkonsulta mal-avukat jew prokuratur legali tal-għażla tiegħu, fejn Cordina rrifjuta li jeżerċita minn dan id-dritt u ffirma dikjarazzjoni."

Illi din is-sekwenza ta' avvenimenti hija riprodotta wkoll fl-affidavit ta' WPS 41 E. Cassar (*a fol.* 4). Minkejja li jissemma li wara t-test tan-nifs l-appellant ingħata aċċess għal assistenza legali mkien ma jissemma li huwa ngħata l-*caution* tal-każ qabel ma issottopona ruħu għat-test tan-nifs.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Shawn Fenech** (Numru 193/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti fir-rigward tal-*caution*:

> "58. F'dan il-każ, minn imkien ma jirriżulta jekk f'xi ħin, qabel ma l-appellant ġie mistoqsi jekk kienx jaċċetta li jsiru t-test tan-nifs, jekk ingħatax il-jeddijiet tiegħu jew it-twissijiet imsemmija. F'dan il-kuntest, din il-Qorti ma tistax tqis li jkun *safe and satisfactory* li tqis ir-riżultat ta' dan it-test tan-nifs, magħmul mingħajr kawteli u twissijiet fejn hemm konsegwenzi legali serji li jitnisslu kemm jekk isir u kemm jekk ma jsirx, bħala prova ammissibbli."

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie hawn fuq ċitat u konsegwentement qed tilqa' l-aggravju in eżami b'dana illi din il-Qorti ser tinjora t-test tan-nifs li sar fuq l-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ma tatx il-piż neċessarju lill-provi prodotti jew in-nuqqas ta' tali provi. Jgħid li d-dubji li kien hemm ma ġewx applikati a favur tiegħu u jispjega li mkien ma ġie ppruvat li kien huwa li tajjar lill-*parte civile*. Jgħid li huwa kien qed isuq fit-triq fejn seħħ l-inċident u ħass xi ħaġa mal-vettura u wara li saq għal xi ftit reġa' mar lura u sab lill-*parte civile* u beda jagħti l-assistenza.

Illi l-appellant jgħid li ma hemmx provi biżżejjed li jindikaw mingħajr dubju raġonevoli li kien huwa li tajjar lill-*parte civile*. Jgħid li lanqas il-*parte civile* ma kkonferma li kien ġie mtajjar minnu. Jgħid li lanqas tqabbdu periti sabiex jikkonfermaw jekk il-ħsara li kellu fuq il-vettura kinitx kompatibbli ma' ħabta mal-*parte civile*, mar-rota tiegħu jew it-tnejn.

Illi l-appellant jargumenta li t-triq fejn seħħ fih l-inċident kienet mudlama u kien hemm ħsarat fit-triq ikkawżati mill-għeruq tas-siġar. Ikompli li anke l-*parte civile* qal li kien qed isuq fil-ġenb. Jgħid li l-*parte civile* għażel li jsuq fi triq li ma kienx fiha *bicycle lane* u li huwa għażel li jsuq fi triq ħażina mudlama u li minħabba s-siġar ma setax isuq mal-ġenb. Jgħid li t-tort tal-inċident huwa kollu tal-*parte civile* li ħa deċiżjonijiet li poġġewh fil-periklu. Jkompli li l-Ewwel Qorti ma tatx il-piż neċessarju lir-responsabilita' li kellu l-*parte civile* fl-akkadut. Jilmenta li dan mhux każ ta' sewqan negliġenti jew traskurat fejn is-sewwieq ma jlaħħaqx il-livell mistenni minnu.

Illi l-appellant jilmenta li l-*parte civile* għandu parti mir-responsabilita' xi jġorr u li l-kundizzjonijiet tat-triq tagħmilha ċara li ma kienx hemm sewqan traskurat.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad minn din il-Qorti fir-rigward tal-aggravju preċedenti, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat u b'hekk din il-Qorti ser tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet.

Illi rigward l-apprezzament tal-provi mhux kontestat is-segwenti bran fl-affidavit ta' WPS 41 E. Cassar fejn tgħid li l-appellant qal is-segwenti (*a fol.* 5):

> "Cordina kien qal li huwa kien qiegħed jixrob ġo *party* x'imkien ġewwa x-Xgħajra u meta sarlu l-ħin daħal fil-vettura tiegħu biex jitlaq lejn id-dar, iżda qabel wassal lil ħabib tiegħu Marsaskala, żied ukoll li hekk kif wasal fit-triq fejn seħħ l-inċident, lemaħ vettura ta' kulur skur li kien ċert li kienet ta' l-għamla Toyota Vitz, din l-imsemmija vettura naqset il-veloċita' tagħha f'daqqa u dak il-ħin huwa kellu jnaqqas ukoll biex ma jaħbatx mal-vettura tiegħu. Dak il-ħin ukoll, Cordina qal li ħass xi ħaġa li ma kienx kapaċi jgħid x'kienet taħbat mal-vettura tiegħu. Stqarr ukoll li dak il-ħin Cordina ħa *puncture* u baqa' sejjer, iżda ħass xi ħaġa ġo fih biex jerġa' jdawwar

lura, u meta reġa' wasal, sab li kien hemm persuna mixħuta fl-art u niżel biex jagħtih l-għajnuna. Cordina żied jgħid li meta wasal, kien hemm persuna oħra li kienet diġa' ċemplet għal assistenza medika.

Mistoqsi mill-Pulizija rigward il-ħsarat li kellu mal-vettura tiegħu, ċioè fuq il-fatt li kellu l-*windscreen* tiegħu mkisser u l-fanal tan-naħa tal-passiġġier imkisser ukoll, Ruben Cordina qal li sa qabel ħass dik id-daqqa mal-vettura tiegħu, ma kellu l-ebda ħsara. Huwa ma kienx ċert jekk dik il-persuna laqatha hu jew kienx dak tat-Toyota Vitz li kien laqatha mbagħad wara ħabtet miegħu, dan peress li ma kienx jiftakar eżatt x'ġara."

Illi din il-Qorti tinnota li dan il-bran irriżulta wara li l-appellant ingħata d-dritt tal-assistenza legali. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-qofol tal-akkadut kollu jinsab f'dawn il-kliem. Meta dan il-kliem jitqabbel ma' dak li qal il-*parte civile* rigward il-pożizzjoni tiegħu fit-triq (*a fol.* 26) jirriżulta ċar li l-ħsarat fuq il-vettura tal-appellant huma kompatibbli ma' inċident fejn is-sewwieq ħabat u għolla dak li ħabat miegħu għal fuq il-*windscreen*.

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li l-*parte civile* Gatt kien segwa d-dettami tal-Kodiċi tat-Traffiku hekk kif jirriżulta ukoll mix-xiehda ta' Mario Barbara (*a fol.* 93 *et seq.*) meta jikkonferma li l-*parte civile* kien liebes ħwejjeġ li jirriflettu.

Illi minbarra dan qajla wieħed jista' jgħid li l-appellant ma kienx jaf li ġara xi inċident. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li ħsara fil-*windscreen* wieħed bilfors irid jinduna biha. Dan mhux każ ta' xi ħadd li għadda viċin xi ħadd u laqtu bil-mera tal-ġenb. Il-*windscreen* hija xi ħaġa viżibbli li taraha l-ħin kollu. Mhux kredibbli l-verżjoni mogħtija mill-appellant li kien hemm vettura oħra minħabba li l-*parte civile* stess jikkonferma li kien hemm vettura waħda.

Illi lanqas huwa korrett l-appellant meta jgħid li t-triq kienet mudlama. Minkejja li l-ħin li fih sar l-inċident kien filgħaxija,

jirriżulta li fit-triq kien hemm id-dwal tal-Gvern. In fatti minn ħarsa lejn ir-ritratti (*a fol.* 10) li hemm fl-atti proċesswali jidhru d-dwal mixgħula.

Illi rigward l-ilment marbut mal-element kontributorju tal-*parte civile* li l-appellant jipponta lejh, din il-Qorti ma taqbilx miegħu. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li la l-kundizzjoni tat-triq kienet ħażina kien jinkombi fuq l-appellant li juża metru ta' diliġenza akbar meta kien qed isuq il-vettura u mhux kif isemmi l-*parte civile* li sema ħoss ta' vettura li kienet "*speeding*".

Illi lanqas l-argument tal-appellant rigward il-fatt li huwa ma naqasx milli jissokkori lill-*parte civile* ma huwa aċċettabbli. Huwa minnu li l-appellant dar lura iżda huwa minnu wkoll li għal bidu baqa' sejjer u fil-verita' il-*parte civile* kien diġà ġie mgħejjun minn Mario Barbara.

Illi l-post fejn seħħet il-ħsara fil-vettura tal-appellant tindika b'mod ċar li l-*parte civile* kien qed isuq mal-ġenb tat-triq sa fejn din kienet tippermetti u li kien l-appellant li njora l-preżenza tal-*parte civile* fit-triq. Apparti minn dan, huwa l-appellant stess li jgħid li ħass xi ħaġa huwa u għaddej mit-triq u wara dan kien hemm il-ħsara fuq il-vettura tiegħu. Għalhekk huwa bil-wisq evidenti li kien l-appellant li kien involut fl-inċident. Kieku l-verżjoni tal-appellant kienet vera, il-ħsara li kien isofri kienet tkun differenti u ma kinitx ser tinkludi l-fanal tal-vettura.

Illi ċ-ċirkostanzi tal-każ żgur li ma jiskolpawx lill-appellant u konsegwentement l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment issib lill-appellant allura imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għajr għat-tieni (2) u għat-tielet (3) imputazzjoni. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud bil-mod kif appena msemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu ma hijiex proporzjonata. L-

appellant jgħid li huwa għandu fedina penali netta u li għalhekk il-multa nflitta fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva. Jisħaq li s-sospensjoni tal-liċenzja ser taffettwalu ħajtu minħabba li huwa jaħdem bħala xufier.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li l-appellant allura imputat instab ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti u li ġie konfermat minn din il-Qorti u tinnota li l-multa imposta fil-konfront tiegħu kienet fil-parametri sew tal-liġi u ma tqisx li tali multa għandha tiġi disturbata. Dan qiegħed jingħad anke jekk din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu. Għal kull buon fini jingħad li l-Ewwel Qorti setgħet tagħti piena ferm aktar severa b'mod partikolari fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn l-Ewwel Qorti setgħet tagħti anke piena ta' priġunerija. Fir-rigward tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan, din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tvarja l-perjodu tal-iskwalifika msemmija li ġiet ordnata mill-Ewwel Qorti u dana fid-dawl tal-fatt li l-appellant ser jiġi liberat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjoni. Għaldaqstant, l-aggravju in eżami ser jiġi milqugħ biss fir-rigward tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Ruben Cordina u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tagħhom u tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant għal ħlas ta' multa ta' elf u tmien mitt Euro (€1800);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur li kellhom jibdew jgħaddu minn nofs il-lejl ta' dakinhar li ngħatat is-sentenza u minflok tiskwalifika lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' erba' (4) xhur, liema skwalifika tibda għaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**